



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 12.2.2019
COM(2019) 77 final

2019/0037 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fit-tnejn u sittin sessjoni tal-Kummissjoni dwar id-Drogi Narkotiċi rigward iż-żieda mal-lista tas-sustanzi fit-Tabelli tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra t-Traffiku Illeċitu fi Drogi Narkotiċi u s-Sustanzi Psikotropiċi

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Din il-proposta tikkonċerna d-deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kummissjoni dwar id-Drogi Narkotiċi (CND) b'rabta mal-adozzjoni prevista ta' bidliet fil-Konvenzjoni dwar it-Tabelli tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti (NU) dwar it-Traffiku Illeċitu fid-Drogi Narkotiċi u s-Sustanzi Psikotropiċi tal-1988 fuq il-bażi ta' rakkomandazzjonijiet tal-Bord Internazzjonali għall-Kontroll tan-Narkotiċi (INCB).

2. KUNTEST TAL-PROPOSTA

2.1. Il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti (NU) kontra t-Traffikar Illeċitu fi Drogi Narkotiċi u Sustanzi Psikotropiċi tal-1988

Il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti (NU) kontra t-Traffikar Illeċitu fi Drogi Narkotiċi u Sustanzi Psikotropiċi tal-1988 ("il-Konvenzjoni") għandha l-għan li tippromwovi l-kooperazzjoni bejn il-Partijiet biex ikunu jistgħu jindirizzaw, b'mod aktar effettiv, l-aspetti differenti tat-traffiku illeċitu fid-drogi narkotiċi u s-sustanzi psikotropiċi ta' dimensjoni internazzjonali. Fit-twettiq tal-obbligi tagħhom skont il-Konvenzjoni, il-Partijiet jieħdu l-miżuri meħtieġa, inklużi miżuri leġiżlattivi u amministrattivi, f'konformità mad-dispożizzjonijiet fundamentali tas-sistemi leġiżlattivi domestiċi rispettivi tagħhom.

Il-Konvenzjoni daħlet fis-seħħ fil-11 ta' Novembru 1990.

L-UE¹ u l-Istati Membri tagħha huma partijiet għall-Konvenzjoni.

2.2. Il-Kummissjoni dwar id-Drogi Narkotiċi (CND)

Is-CND hija kummissjoni tal-Kunsill Ekonomiku u Soċjali tan-NU (ECOSOC) u l-funzjonijiet u s-setgħat tagħha huma stabbiliti, *inter alia*, fil-Konvenzjoni. Hija magħmula minn 53 Stat Membru tan-NU eletti mill-ECOSOC. Bħalissa, 11-il Stat Membru huma membri tas-CND bid-dritt li jivvutaw. L-Unjoni għandha status ta' osservatur fis-CND.

Is-CND, filwaqt li tqis il-kummenti sottomessi mill-Partijiet u l-kummenti u r-rakkomandazzjonijiet tal-INCB, li l-evalwazzjoni tagħhom għandha tkun determinanti dwar kwistjonijiet xjentifiċi, u filwaqt li tqis kif xieraq kull fattur rilevanti ieħor, tista' tiddeċiedi b'maġġoranza ta' żewġ terzi tal-membri tagħha biex tqiegħed sustanza fit-Tabelli tal-Konvenzjoni.

2.3. L-atti previsti tas-CND

Mill-14 sat-22 ta' Marzu 2019, matul it-tnejn u sittin sessjoni tagħha, is-CND għandha tadotta deċiżjonijiet ta' skedar dwar iż-żieda ta' erba' sustanzi fit-Tabelli tal-Konvenzjoni ("l-atti previsti") jiġifieri 3,4-MDP-2-P -metil-gliċidat ("PMK-gliċidat"), aċidu 3,4-MDP-2-P-metil-gliċidiku ("aċidu PMK-gliċidiku") u alfa-fenilaċetoacetamid (APAA) u l-aċidu jodidriku.

Skont il-Konvenzjoni, id-deċiżjonijiet tas-CND isiru vinkolanti, sakemm Parti ma tkunx ippreżentat id-deċiżjoni għal rieżami lill-ECOSOC fit-terminu applikabbli². Id-deċiżjonijiet tal-ECOSOC dwar din il-kwistjoni huma finali. L-atti previsti se jsiru vinkolanti mal-Partijiet skont l-Artikolu 12 tal-Konvenzjoni, li jipprovdi, kif ġej, fil-partijiet rilevanti tagħha:

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 1990 li tikkonċerna l-konklużjoni, f'isem il-Komunità Ekonomika Ewropea, tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra t-Traffikar Illeċitu fid-Drogi Narkotiċi u Sustanzi Psikotropiċi (ĠU L 326, 24.11.1990, p. 56).

² L-Artikolu 12(7) tal-Konvenzjoni tan-NU tal-1988

Kwalunkwe deċiżjoni tal-Kummissjoni meħuda skont dan l-artikolu għandha tiġi kkomunikata mis-Segretarju Ġenerali tal-Istati kollha u entitajiet oħra li huma, jew li huma intitolati li jsiru, Partijiet għal din il-Konvenzjoni, u għall-Bord. Tali deċiżjoni għandha ssir effettiva għalkollox għal kull Parti, mija u tmenin jum wara d-data ta' tali komunikazzjoni.

Id-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni meħuda taħt dan l-artikolu għandhom ikunu soġġetti għal rieżami mill-Kunsill fuq talba ta' kwalunkwe Parti ppreżentata fi żmien mija u tmenin jum wara d-data tan-notifika tad-deċiżjoni. It-talba għal rieżami għandha tintbagħat lis-Segretarju Ġenerali, flimkien mal-informazzjoni rilevanti kollha li fuqha hija bbażata t-talba għal rieżami.

Is-Segretarju Ġenerali għandu jibgħat kopji tat-talba għal rieżami u l-informazzjoni rilevanti lill-Kummissjoni, lill-Bord u lill-Partijiet kollha, u jistedinhom jibagħtu l-kummenti tagħhom fi żmien disgħin jum. Il-kummenti kollha rċevuti għandhom jiġu sottomessi lill-Kunsill għall-konsiderazzjoni.

Il-Kunsill jista' jikkonferma jew ireġġa' lura d-deċiżjoni tal-Kummissjoni. In-notifika tad-deċiżjoni tal-Kunsill għandha tiġi trażmessa lill-Istati kollha u entitajiet oħra li huma, jew li huma intitolati li jsiru, Partijiet għal din il-Konvenzjoni, għall-Kummissjoni u għall-Bord.

3. IL-POŻIZZJONI LI TRID TITTIEHD F'ISEM L-UNJONI

Il-Kummissjoni ġiet infurmata fid-19 ta' Diċembru 2018 li l-INCB jirrakkomanda li jiżiedu tliet sustanzi, jiġifieri 3,4-MDP-2-P-metil-gliċidat ("PMK-gliċidat"), aċidu 3,4-MDP-2-P-metil-gliċidiku ("aċidu PMK-gliċidiku") u alfa-fenilaċetoacetamid (APAA) fit-Tabella I tal-Konvenzjoni. Fir-rigward tar-raba' sustanza, jiġifieri l-aċidu jodidriku, l-INCB jirrakkomanda li ma titpoġġiex taħt il-kontroll tal-Konvenzjoni.

Skont il-valutazzjoni tal-INCB, tliet sustanzi, 3,4-MDP-2-P-metil-gliċidat ("PMK-gliċidat"), aċidu 3,4-MDP-2-P-metil-gliċidiku ("aċidu PMK-gliċidiku") u alfa-fenilaċetoacetamid (APAA) huma ta' spiss użati fil-manifattura illeċita, rispettivament, tal-MDMA u sustanzi relatati; ta' 3,4-MDP-2-P u sussegwentement MDMA u sustanzi relatati; u l-amfetamina u l-metamfetamina. Hemm evidenza li l-volum u l-firxa tal-manifattura illeċita ta' dawn id-drogi narkotiċi u tas-sustanzi psikotropiċi joħlqu problemi serji tas-saħħa pubblika jew soċjali, u din tiġġustifika t-tqegħid ta' dawn is-sustanzi taħt kontroll internazzjonali. Fir-rigward tar-raba' sustanza, jiġifieri l-aċidu jodidriku, l-INCB huwa tal-fehma li l-kontroll internazzjonali ma jkunx effettiv fit-tnaqqis tad-disponibbiltà tal-metamfetamina u l-amfetamina mmanifatturati illegalment.

Il-manifattura illegali tal-MDMA - u sustanzi relatati - u l-metamfetamina u l-amfetamina hija problema serja fl-Unjoni. Dawn id-drogi narkotiċi u sustanzi psikotropiċi mmanifatturati illegalment jikkawżaw problemi tas-saħħa pubblika u soċjali sinifikanti fl-Unjoni. Barra minn hekk, gruppi ta' kriminalità organizzata fl-Unjoni qegħdin jesportaw ukoll illegalment dawn id-drogi narkotiċi u sustanzi psikotropiċi lejn pajjiżi terzi.

Għalhekk, l-Istati Membri tal-Unjoni jenħtieġ li jesprimu l-pożizzjoni fis-CND favur iż-żieda ta' 3,4-MDP-2-P-metil-gliċidat ("PMK-gliċidat"), aċidu 3,4-MDP-2-P-metil-gliċidiku ("aċidu PMK-gliċidiku") u alfa-fenilaċetoacetamid (APAA) fit-Tabella I tal-Konvenzjoni u biex l-aċidu jodidriku ma jitpoġġiex taħt il-kontroll tal-Konvenzjoni.

Bidliet fit-Tabelli tal-Konvenzjoni jkollhom riperkussjonijiet diretti fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni fil-qasam tal-kontroll tal-prekursuri tad-droga minħabba li s-sustanzi

miżjuda fit-Tabelli tal-Konvenzjoni għandhom jiġu inkorporati fid-dritt tal-Unjoni³. Il-Kummissjoni ngħatat is-setgħa li tadotta atti delegati sabiex dan jiġi żgurat.

4. BAŻI ĠURIDIKA

4.1. Bażi ġuridika proċedurali

4.1.1. Prinċipji

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprovdi għal deċiżjonijiet li jistabbilixxu “*il-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f’isem l-Unjoni f’sede stabbilita bi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim.*”

L-Artikolu 218(9) tat-TFUE japplika irrispettivament minn jekk l-Unjoni hix membru tas-sede jew parti għall-ftehim⁴.

Il-kunċett ta’ “*atti li jkollhom effetti ġuridiċi*” jinkludi l-atti li jkollhom effetti ġuridiċi skont ir-regoli tad-dritt internazzjonali li jirregola s-sede kkonċernata. Dan jinkludi wkoll l-istrumenti li ma għandhomx effett vinkolanti skont id-dritt internazzjonali, iżda li “*jistgħu jinfluwenzaw b’mod determinanti l-kontenut tal-leġiżlazzjoni adottata mil-leġiżlatura tal-Unjoni*”⁵.

4.1.2. Applikazzjoni għall-każ preżenti

Il-Kummissjoni dwar id-Drogi Narkotiċi hija sede stabbilita minn ftehim, jiġifieri l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra t-Traffiku Illeċitu fi Drogi Narkotiċi u s-Sustanzi Psikotropiċi.

L-atti li l-Kummissjoni dwar id-Drogi Narkotiċi hija mitluba tadotta, jikkostitwixxu atti li għandhom effetti ġuridiċi. L-atti previsti se jkunu vinkolanti skont id-dritt internazzjonali f’konformità mal-Artikolu 12 tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra t-Traffikar Illeċitu fi Drogi Narkotiċi u Sustanzi Psikotropiċi u huma kapaċi jinfluwenzaw b’mod deċiżiv il-kontenut tal-leġiżlazzjoni tal-UE, jiġifieri r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 111/2005 tat-22 ta’ Diċembru 2004 li jistabbilixxi regoli għall-monitoraġġ ta’ kummerċ fil-prekursuri ta’ drogi bejn il-Komunità u pajjiżi terzi u r-Regolament (KE) Nru 273/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta’ Frar 2004 dwar il-prekursuri tad-droga. Dan huwa għaliex il-bidliet fit-Tabelli tal-Konvenzjoni jkollhom riperkussjonijiet diretti fil-kamp ta’ applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni fil-qasam tal-kontroll tal-prekursuri tad-droga minħabba li s-sustanzi miżjuda fit-Tabelli tal-Konvenzjoni għandhom jiġu inkorporati fid-dritt tal-Unjoni.

L-atti previsti ma jissupplimentawx jew ma jemendawx il-qafas istituzzjonali tal-ftehim.

Għalhekk, il-bażi ġuridika proċedurali tad-Deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

³ Ir-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 111/2005 tat-22 ta’ Diċembru 2004 li jistabbilixxi regoli għall-monitoraġġ ta’ kummerċ fil-prekursuri ta’ drogi bejn l-Unjoni u pajjiżi terzi (ĠU L 22, 26.1.2005, p. 1), u r-Regolament (KE) Nru 273/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta’ Frar 2004 dwar prekursori tad-droga (ĠU L 47, 18.2.2004, p. 1).

⁴ Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta’ Ottubru 2014, Il-Ġermanja vs Il-Kunsill, il-Kawża C-399/12, ECLI:EU:C:2014:2258, punt 64.

⁵ Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta’ Ottubru 2014, Il-Ġermanja vs Il-Kunsill, il-Kawża C-399/12, ECLI:EU:C:2014:2258, punti 61 sa 64.

4.2. Bażi ġuridika sostantiva

4.2.1. Prinċipji

Il-baży ġuridika sostantiva biex tittieħed deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE tiddependi primarjament mill-għan u mill-kontenut tal-atti previsti li dwarhom tittieħed pożizzjoni f'isem l-Unjoni. Jekk l-atti previsti jkollhom żewġ għanijiet jew żewġ komponenti, u jekk wieħed minn dawn l-għanijiet jew komponenti jkun jista' jiġi identifikat bħala dak ewlieni, filwaqt li l-ieħor ikun sempliċement inċidentali, id-deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE trid tkun ibbażata fuq baży ġuridika sostantiva waħda, jiġifieri dik rikjesta mill-għan jew mill-komponent ewlieni jew predominanti.

4.2.2. Applikazzjoni għall-każ preżenti

L-għan ewlieni u l-kontenut tal-atti previsti huma relatati mal-politika kummerċjali komuni.

Għalhekk, il-baży ġuridika sostantiva tad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu^o207 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

4.3. Konklużjoni

Il-baży ġuridika tad-deċiżjoni proposta jenħtieġ li tkun l-Artikolu 207, flimkien mal-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

5. IL-PUBBLIKAZZJONI TAL-ATTI PREVISTI

Billi l-atti tal-Kummissjoni dwar id-Drogi Narkotiċi se jemendaw it-Tabelli tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra t-Traffiku Illeċitu fi Drogi Narkotiċi u s-Sustanzi Psikotropiċi, huwa xieraq li jiġu ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* wara l-adozzjoni tagħhom.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fit-tnejn u sittin sessjoni tal-Kummissjoni dwar id-Drogi Narkotiċi rigward iż-żieda mal-lista tas-sustanzi fit-Tabelli tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra t-Traffiku Illeċitu fi Drogi Narkotiċi u s-Sustanzi Psikotropiċi

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207 flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra t-Traffikar Illeċitu fi Drogi Narkotiċi u Sustanzi Psikotropiċi tal-1988 (“il-Konvenzjoni”) daħlet fis-seħħ fil-11 ta' Novembru 1990 u ġiet konkluża f'isem il-Komunità Ekonomika Ewropea bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 90/611/KEE⁶.
- (2) Skont l-Artikolu 12(2) sa (7) tal-Konvenzjoni, jistgħu jiżiedu sustanzi fit-Tabelli tal-Konvenzjoni li fihom huma elenkati l-prekursuri tad-droga.
- (3) Matul is-sittin sessjoni tagħha mill-14 sat-22 ta' Marzu 2019 fi Vjenna, il-Kummissjoni dwar id-Drogi Narkotiċi jenħtieġ li tiegħu deċiżjoni dwar iż-żieda ta' erba' sustanzi ġodda fit-Tabelli tal-Konvenzjoni.
- (4) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li jenħtieġ li tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kummissjoni dwar id-Drogi Narkotiċi, matul it-tnejn u sittin sessjoni tagħha mill-14 sat-22 ta' Marzu 2019 fi Vjenna, peress li d-deċiżjonijiet ikunu vinkolanti mal-Unjoni u jkunu kapaċi jieħdu deċiżjoni li tinfluwenza l-kontenut tad-dritt tal-Unjoni, jiġifieri r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 111/2005 tat-22 ta' Diċembru 2004 li jistabbilixxi regoli għall-monitoraġġ tal-kummerċ fil-prekursuri tad-droga⁷ bejn l-Unjoni u pajjiżi terzi u r-Regolament (KE) Nru 273/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Frar 2004 dwar il-prekursuri tad-droga⁸.
- (5) Skont il-valutazzjoni tal-Bord Internazzjonali għall-Kontroll tan-Narkotiċi, tliet sustanzi, 3,4-MDP-2-P-metil-gliċidat (“PMK -gliċidat”), aċidu 3,4-MDP-2-P-metil-gliċidiku (“aċidu PMK-gliċidiku”) u alfa-fenilaċetoaċetammid (APAA) huma jintużaw ta' spiss fil-manifattura illeċita, rispettivament, tal-MDMA u sustanzi relatati; ta' 3,4-MDP-2-P u sussegwentement l-MDMA u sustanzi relatati; u l-amfetamina u l-metamfetamina. Hemm evidenza li l-volum u l-firxa tal-manifattura illeċita ta' dawn id-drogi narkotiċi u tas-sustanzi psikotropiċi joħolqu problemi serji tas-saħħa pubblika jew soċjali, u din tiġġustifika t-tqegħid ta' dawn is-sustanzi taħt kontroll

⁶ ĠU L 326, 24.11.1990, p. 56.

⁷ ĠU L 22, 26.1.2005, p. 1 (Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kap. 02, Vol. 008, p. 217)

⁸ ĠU L 47, 18.2.2004, p. 1 (Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kap. 02, Vol. 008, p. 217)

internazzjonali. Fir-rigward tar-raba' sustanza, jiġifieri l- aċidu jodidriku, il-Bord Internazzjonali għall-Kontroll tan-Narkotiċi huwa tal-fehma li l-kontroll internazzjonali ma jkunx effettiv fit-tnaqqis tad-disponibbiltà tal-metamfetamina u l-amfetamina mmanifatturati illegalment. Il-manifattura illegali tal-MDMA - u sustanzi relatati - u l-metamfetamina u l-amfetamina hija problema serja fl-Unjoni. Dawn id-drogi narkotiċi u sustanzi psikotropiċi mmanifatturati illegalment jikkawżaw problemi tas-saħħa pubblika u soċjali sinifikanti fl-Unjoni. Barra minn hekk, gruppi ta' kriminalità organizzata fl-Unjoni qegħdin jesportaw ukoll illegalment dawn id-drogi narkotiċi u sustanzi psikotropiċi lejn pajjiżi terzi.

- (6) Il-pożizzjoni tal-Unjoni għandha tiġi espressa mill-Istati Membri tal-Unjoni li huma membri tal-Kummissjoni dwar id-Drogi Narkotiċi.

ADOPTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fit-tnejn u sittin sessjoni tal-Kummissjoni dwar id-Drogi Narkotiċi għandha tkun kif ġej:

- 3,4-MDP-2--metil-gliċidat("PMK-gliċidat"), aċidu 3,4-MDP-2-P-metil-gliċidiku ("aċidu PMK-gliċidiku") u alfa-fenilaċetoacetamid (APAA) għandhom jiġu inklużi fit-Tabella I tal-Konvenzjoni;
- l-aċidu jodidriku m'għandux jitqiegħed taħt il-kontroll tal-Konvenzjoni.

Artikolu 2

Il-pożizzjoni msemmija fl-Artikolu 1 għandha tiġi espressa mill-Istati Membri tal-Unjoni li huma membri tal-Kummissjoni dwar id-Drogi Narkotiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President